**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 15 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1492/01 AE**

**Antoine Vassallo f'ismu proprju u ezercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Paul u Isabelle Attard.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf erbgha mija u disgha u disghajn lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1,499.20) import ta' sittax-il kambjala minnhom accettati (fol. 3 sa 9).

Ra li l-konvenuti ma kkontestawx il-kawza u lanqas ma dehru fis-seduti tas-7 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. John Buttigieg jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konventui jhallsu s-somma ta' elf erbgha mija u disgha u disghajn lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1,499.20), bl-imghax mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**